MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Numru 933/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**SABRINA CHETCUTI**
**NOELLA AGUIS**
**MARIA VICTORIA AGIUS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Sabrina Chetcuti ta' 24 sena bint Alexander u Sandra xebba Izzo, imwielda Pieta' fl-20 ta' Novembru, 1987, residenti gewwa 28, 'Cuti's' Hse, Triq ix-Xheda, M'Scala detentrici tal-karta tal-identita' b'numru 521187M

U

Noella Aguis ta' 19-il sena bint Noel u Doreen xebba Scicluna imwielda l-Pieta' nhar it-28 ta' Frar 1993 residenti gewwa 127, Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 114593M

U

Maria Victoria Agius ta' 21 sena bint Mario u Maria Teresa nee Balzan imwielda l-Pieta nhar it-3 ta' Dicembru, 1990, residenti gewwa 127, 'Marese' Triq ic-Cimiterju, Rahal Gdid, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 571690M

Gew akkuzati b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kisru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda billi:

Talli nhar il-31 ta' Lulju 2010 u xhur qabel gewwa il-hanut Terranova li jinstab fil-Kumpless Main Street gewwa Pjazza Antione De Paule Rahal Gdid u f'dawn il-gzejjer, ikkomettew serq ta' hwejjeg u/jew ogetti ohra liema serq huwa ggravat bil-persuna u li sar ghal detriment ta' Diane Izzo u/jew persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprjaw ruhhom, billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuni ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' hadu u zammew ghandhom flus jew prodotti liema ammont ma jeccedix l-mitejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94€) ghad-dannu tal-kumpanija Terranova u Diane Izzo u/jew persuni ohra liema u ogetti kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom, jew minhabba depozitu necessarju;

Rat l-atti.

Innutat li fis-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni qeghda tirtira din il-kawza.

Il-kawza irtirata mill-Prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------